MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 125/2014

**Fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru Nru 213/2014 fl-ismijiet :-**

**Blue Rapid Incorporation, socjeta` estera registrata taht il-ligi tar-Repubblika ta` Panama bin-numru 99452-9712 fl-indirizz registrat 20, Avenue de la Gare, Lausanne, rapprezentata f`Malta mill-mandatarju specjali Dr Adrian Delia (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 299369M)**

***kontra***

**Elf Aquitaine, socjeta` estera registrata Franza, bin-numru ufficjali 552 120 784 RCS Nanterre**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors tas-socjeta` estera Elf Aquitaine rapprezentata mill-mandatarju specjali taghha Av Louis Cassar Pullicino ("l-esekutata") tal-11 ta` Frar 2014 fejn, ghar-ragunijiet hemm specifikati, talbet lill-Qorti sabiex :-

*1. Tirrevoka l-mandat ta` sekwestru numru 213/2014 prezentat fis-6 ta` Frar 2014 fl-ismijiet "Blue Rapid Incorporation vs Elf Aquitaine" peress illi l-ammont mitlub mhuwiex prima facie gustifikat [Art 836(1)(c)] u/jew peress li kif intwera mhuwiex ragjonevoli li jinzamm fis-sehh u lanqas ma huwa gustifikabbli [Art 836(1)(d)].*

*2. Tikkundanna lis-soocjeta` Blue Rapid Incorporation sabiex thallas penali ta` mhux anqas minn elf u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa` mija u tmienja u tmenin Euro u tnax-il centezmu (€6,988.12) ghar-ragunijiet kontemplati fl-Art 836(8)(b)( u (d) tal-Kap 12.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati flimkien mar-rikors.

Rat id-digriet taghha tat-18 ta` Frar 2014.

Rat ir-risposta li s-socjeta` Blue Rapid Inc ("l-esekutanti") pprezentat fis-27 ta` Frar 2014 fejn ghar-ragunijiet hemm indikati talbet lill-Qorti sabiex *tichad it-talbiet tar-*

*rikorrenti in toto sabiex is-socjeta` esponenti tkun tista` tikkawtela l-pretensjonijiet taghha, u dan sakemm il-Cour de Cassation Franciza tasal ghal decizjoni finali.*

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-4 ta` Marzu 2014.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn il-procediment thalla ghal provvediment *in camera* dwar ir-rikors.

## II. <u>Ir-ragunijiet tal-esekutata</u>

**<u>Fil-qosor</u>**, ir-ragunijiet li gabet l-esekutata in sostenn tat-talbiet taghha kienu dawn :-

1) Il-mandat ta` sekwestru tal-lum u cioe` dak bin-Nru 213/2014 kien precedut bil-mandat ta` sekwestru Nru 919/2008 in kawtela tal-istess kreditu u ghall-istess kawzali.

2) B`digriet taghha tas-6 ta` Dicembru 2013, din il-Qorti ordnat il-hrug ta` kontromandat ghall-mandat Nru 919/2008.

3) Bil-mandat Nru 213/2014 l-esekutanti qeghda tikkawtela l-istess pretensjoni li kienet dedotta bil-mandat Nru 919/2008.

4) Ir-ragunijiet kollha li gabet il-Qorti fil-provvediment taghha tas-6 ta` Dicembru 2013 sabiex tirrevoka l-mandat Nru 919/2008 ghandhom veljanti sabiex tirrevoka anke l-mandat tal-lum.

5) Il-mandat tal-lum huwa abbusiv, malizzjuz u vessatorju ghaliex kien ripropost wara li ta` qablu kien revokat.

6) Id-digriet tas-6 ta` Dicembru 2013 huwa finali u rrevokabbli.

**III. Id-difiza tal-esekutanti**

**Fil-qosor,** l-esekutanti pprezentat din id-difiza :-

1) Il-mandat Nru 213/2014 qieghed jittutela l-pretensjonijiet taghha quddiem il-Cour de Cassation Franciza waqt li l-mandat Nru 919/2008 kien qieghed ihares il-pretensjonijiet taghha quddiem it-Tribunal de Paris.

2) Ghalkemm quddiem il-Cour de Cassation il-pretensjonijiet taghha huma l-istess li kienu rigettati mill-qrati tal-ewwel u tat-tieni istanza, hija ghandha l-jedd li tikkawtela d-drittijiet taghha bil-mandati opportuni ladarba fil-Cour de Cassation qeghda titlob ir-revoka tas-sentenza tat-tieni istanza.

3) Il-qorti tal-gurisdizzjoni fejn intalab il-hrug tal-mandat kawtelatorju ghandha tirrispetta u tirrikonoxxi l-fatt li l-kaz ghadu pendenti quddiem il-Cour de Cassation, anke jekk is-sentenza tat-tieni istanza hija ezegwibbli.

4) Il-Cour de Cassation tat lill-esekutanti zmien biex thallas l-ispejjez tal-istanza quddiemha.

5) Ma hemm l-ebda abbuz, malizzja jew vessazzjoni fil-procediment li istitwiet.

**IV. <u>Il-mandat ta` sekwestru nru 919/2008 (Dok C)</u>**

Dan il-mandat hareg fid-19 ta` Gunju 2008.

Il-kreditu kawtelat kien ghall-ammont ta` €844,571,629.20.

Bhala kawzali, is-sekwestranti rreferiet ghall-pretensjonijiet li ddeduciet fil-kawza intavolata quddiem it-Tribunal de Paris fl-ismijiet "*Blue Rapid Incorporation vs Societe Nationale Elf Aquitaine" Nru RG 2006/47391).*

**V. <u>Il-provvediment tas-6 ta` Dicembru 2013 (Dok B)</u>**

Il-mandat nru 919/2008 kien revokat bil-provvediment ta` din il-Qorti tas-6 ta` Dicembru 2013. <u>Dak il-provvediment huwa car u bla ekwivoci</u> u ghalhekk ghad-dettalji, din il-Qorti taghmel riferenza ghall-provvediment innifsu. Tissottolinea biss punt wiehed, riferibbilment ghall-procediment tal-lum, u cioe` illi fil-provvediment taghha, il-Qorti tat konsiderazzjoni ghall-fatt li l-esekutanti tal-lum, ghalkemm irrikorriet quddiem il-Cour de Cassation, baqghet ma kkawtelatx l-ispejjez tal-ahhar istanza tal-appell bil-konsegwenza li l-procediment quddiem dik il-Qorti waqaf.

## VI. Il-mandat ta` sekwestru nru 213/2014 (Dok A)

Dan il-mandat kien prezentat fis-6 ta` Frar 2014.

Il-kreditu kawtelat huwa ghall-ammont ta` €892,020,450.83. Id-differenza mal-ammont kien kawtelat bil-mandat nru 919/2008 hija biss kwistjoni ta` aggustamenti aktar milli ta` sostanza.

Il-kawzali tirreferi ghall-istess kawza bid-differenza li l-mandat l-iehor kien jirreferi ghat-Tribunal de Paris waqt li tal-lum jirreferi ghall-cour de Cassation.

## VII. Prova nieqsa

Ghalkemm fl-udjenza tal-4 ta` Marzu 2014, l-esekutanti kellha l-opportunita` kollha li ggib provi, hija naqset milli ttella` provi u llimitat ruhha ghal li taghmel sottomissjonijiet. Tenut kont tal-argumenti li gabet biex issostni d-difiza taghha kontra t-talbiet tal-esekutata, il-Qorti kienet tistenna li l-esekutanti ggib il-prova li ssoddisfat il-vot tal-hlas tal-ispejjez fit-terminu lilha koncess mill-Cour de Cassation. Minn dan ma sar xejn.

## VIII. Konsiderazzjonijiet

### 1) L-ewwel talba

L-esekutata qeghda titlob ir-revoka tal-mandat ghaliex *l-ammont mitlub mhuwiex prima facie gustifikat* ; **u/jew** ghaliex *mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.* Ghalkemm ghal tal-ewwel, ir-riferenza tad-dritt citata mill-esekutata kienet zbaljata fis-sens illi d-disposizzjoni t-tajba kienet l-**Art 836(1)(d)** tal-Kap 12 u ghalkemm ghat-tieni, ir-riferenza tad-dritt citata mill-esekutata kienet zbaljata fis-sens illi d-disposizzjoni t-tajba kienet l-**Art 836(1)(f)** tal-Kap 12, il-Qorti sejra tqishom xorta wahda ghaliex l-essenzjali hija l-bazi tat-talba aktar milli jekk id-disposizzjoni citata kenitx dik it-tajba.

Fil-provvediment li tat fl-10 ta` Awissu 2012 *fl-atti tar-rikors mahluf nru 164/12 JRM fl-ismijiet : "Jamar Malta Limited (C45236) vs Office Group Limited (C39197)" : ghat-thassir tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju nru 609/2012 ipprezentat nhar l-4 ta` Mejju 2012 fl-ismijiet : "Office Group Limited (C39197) vs Jamar Malta Limited (C45236)"* din il-Qorti (**PA/JRM**) qalet hekk dwar **l-Art 836(1)(d)** tal-Kap 12 :-

*"Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimata eżekutanti għandhiex bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk waslitx biex "tillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnha maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti."*

Fil-kaz tal-lum, il-lanjanza ta` l-esekutata mhuwiex li l-ammont mitlub huwa eccessiv izda li mhuwiex gustifikat u kwindi li l-Qorti trid taghmel huwa li *tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimata eżekutanti għandhiex bażi ta' pretensjoni.* Fil-provvediment li tat fis-6 ta` Dicembru 2013 dwar ir-revoka tal-mandat nru 919/2008 (Dok B), il-Qorti tat ir-ragunijiet taghha **fid-dettall** ghala dak il-mandat kellu jigi revokat. Dawk ir-ragunijiet kollha jibqghu validi u veljanti ghall-fini ta` l-procediment tal-lum.

Fil-fehma tal-Qorti, hija fondata t-talba tal-esekutanti skond l-Art 836(1)(d) tal-Kap 12.

Fil-provvediment fuq citat tal-10 ta` Awissu 2012 *fl-atti tar-rikors mahluf nru 164/12 JRM fl-ismijiet : "Jamar Malta Limited (C45236) vs Office Group Limited (C39197)" : ghat-thassir tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju nru 609/2012 ipprezentat nhar l-4 ta` Mejju 2012 fl-ismijiet : "Office Group Limited (C39197) vs Jamar Malta Limited (C45236)"* il-Qorti qalet hekk dwar **l-Art 836(1)(f)** tal-Kap 12 :-

*"Illi jingħad ukoll li id-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li,* ***wara l-ħruġ tal-Mandat,*** *tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ* ; "

Fil-kaz tal-lum, ma rrizultax li kien hemm bdil ta` cirkostanzi **wara** l-hrug tal-mandat.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti hija nfondata t-talba tal-esekutanti skond l-Art 836(1)(f) tal-Kap 12.

L-esekutata taghmel riferenza ghall-**Art 836(5)** tal-Kap 12 li jaqra :-

*Ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1), u dan id-digriet ikun finali u irrevokabbli ; u barra l-każ kontemplat fis-subartikolu (1)(a) ebda att kawtelatorju bħal dak ma jista' jinħareġ biex jiggarantixxi l-pretensjoni kontra l-persuna li kontriha l-att kawtelatorju hekk revokat ikun inħareġ, kemm-il darba fir-rikors għall-ħruġ ta' dak latt kawtelatorju bħal dak ir-rikorrent ma jiddikjarax li jkunu nqalgħu ċirkostanzi minn meta ġie revokat l-att kawtelatorju ta' qabel, li jiġġustifikaw il-ħruġ ta' att kawtelatorju ġdid bħal dak li jkun ġie revokat, u d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom, ma' dan, japplikaw għal dak l-att kawtelatorju maħruġ mill-ġdid bis-saħħa ta' dak ir-rikors.*

Ghajr ghal aggustament fl-ammont li kien qed jigi kawtelat, l-esekutanti fil-procediment tal-lum ma gabet l-ebda raguni **gdida** sabiex issostni d-difiza taghha kontra t-talba tal-esekutata. Il-Qorti trid tghid illi ghalkemm il-"prova nieqsa" li din il-Qorti rreferiet ghaliha *supra* ma kenitx **direttament** rilevanti tenut kont tar-ragunament li ghamlet il-Qorti fil-provvediment taghha tas-6 ta` Dicembru 2013, ghal din il-Qorti setghet tfisser li fir-realta` seta` gara xi haga gdida wara s-6 ta` Dicembru 2013 li mmotiva lill-esekutanti biex tipprezenta l-mandat. Evidentement dan ma kienx il-kaz. Il-motivazzjoni tat-esekutanti ghall-presentata tal-mandat taht ezami ma kienet xejn gdida. Il-problematika kienet trattata kollha fil-procediment li kien deciz bil-provvediment tas-6 ta` Dicembru 2013. Ghalhekk skond l-Art 836(5) tal-Kap 12, il-provvediment ghandu jitqies finali u rrevokabbli fic-cirkostanzi tal-kaz.

## 2) <u>It-tieni talba</u>

Fil-provvediment fuq citat tal-10 ta` Awissu 2012 *fl-atti tar-rikors mahluf nru 164/12 JRM fl-ismijiet : "Jamar Malta Limited (C45236) vs Office Group Limited (C39197)" : ghat-thassir tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju nru 609/2012 ipprezentat nhar l-4 ta` Mejju 2012 fl-ismijiet : "Office Group Limited (C39197) vs Jamar Malta Limited (C45236)"* il-Qorti qalet hekk dwar **l-Art 836(8)** tal-Kap 12 :-

*Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi iżda biżżejjed li tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż ;"*

Fil-kaz tal-lum, l-esekutanti qeghda titlob il-hlas tal-penali abbazi tal-paragrafu (d) tal-Art 836(8) li jaqra hekk :-

*jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b`malizzja, tkun frivola jew vessatorja.*

Fil-fehma tal-Qorti, jirriżultaw l-estremi biex tapplika s-sanzjoni tal-penali. Il-Qorti diga` sabet li l-Art 836(5) tal-Kap 12 kien ighodd ghall-kaz tal-lum. L-esekutanti ma kellhiex fatti godda biex tipprezenta mandat kwazi identiku (hlief ghall-aggustament tal-ammont) ghal dak li kien revokat u m`ghamlet l-ebda prova ta` fatti godda oltre dawk li kienu diga` rrizultaw fil-procediment li kien deciz fis-6 ta` Dicembru 2013. Propju ghalhekk l-agir tal-esekutanti jikkwalifika f`dak li jahseb ghalih l-Art 836(8)(d) tal-Kap 12. Fil-kaz tal-lum, ingenti kien il-quantum tal-ammont li kien kawtelat bil-mandat mertu tal-provvediment tas-6 ta` Dicembru 2013. Superjuri fl-ghadd kien il-quantum kawtelat bil-mandat tal-lum. Anke ghalhekk il-Qorti sejra timponi l-penali fil-massimu taghha konsentita mil-ligi.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi billi :-**

**Fl-ewwel lok, tirrevoka l-mandat ta` sekwestru numru 213/2014 prezentat fis-6 ta` Frar 2014 fl-ismijiet "*Blue Rapid Incorporation vs Elf Aquitaine*" skond l-Art 836(1)(d) tal-Kap 12 u l-Art 836(5) tal-Kap 12.**

**Fit-tieni lok, bl-applikazzjoni tal-Art 836(8)(d) tal-Kap 12, tikkundanna lis-socjeta` estera Blue Rapid Incorporation, socjeta` estera registrata taht il-ligi tar-Repubbblika ta` Panama bin-numru 99452-9712, rapprezentata f`Malta mill-mandatarju specjali taghha Dr Adrian Delia (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 299369M) sabiex thallas lis-socjeta` estera Elf Aquitaine,**

**socjeta` registrata fi Franza, penali fl-ammont ta` sitt elef disa` mija tmienja u tmenin Ewro tnax-il centezmu (€6,988.12).**

**Fit-tielet lok, tikkundanna lis-socjeta` estera Blue Rapid Incorporation, socjeta` estera registrata taht il-ligi tar-Repubblika ta` Panama bin-numru 99452-9712, rapprezentata f`Malta mill-mandatarju specjali taghha Dr Adrian Delia (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 299369M) sabiex thallas l-ispejjez kollha ta' dan il-procediment.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------